# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 44

Data tal-laqgħa: 11 ta' Mejju, 2026

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar It-Tnejn, 11 ta' Mejju 2026, fil-5.30p.m..*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea |
| Segretarju Eżekuttiv | Shirley Falzon |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm billi ntqalet it-talba.

**44/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**44/01/01** Il-Viċi Sindku bdiet billi infurmat lill-membri preżenti li s-Sindku, is-Sa Mariah Meli, kienet ser tasal tard għal din il-laqgħa u għalhekk il-Viċi Sindku bdiet tmexxi l-laqgħa f'isimha.

**44/01/02** Il-Viċi Sindku infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsilliera, is-Sa Marilena Galea, kienet ser tasal ftit tard għal din il-laqgħa.

**44/02 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti**

**44/02/01** Il-minuti tal-laqgħa preċedenti 43 li nżammet fi 28 ta' April 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

**44/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech u sekondat mill-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci.

**44/02/03** Il-Viċi Sindku fakkret lill-membri dwar l-attendenza tas-Segretarju Eżekuttiv għal-laqgħa ta' *Focus Europe* li ser issir bejn is-17 u l-20 ta' Mejju ġewwa Tratalias. Ġie spjegat li matul din iż-żjara, is-Segretarju Eżekuttiv ser tiddiskuti avvenimenti ppjanati għal-lokalità ta' Ħal Għargħur, li jistgħu jiġu estiżi wkoll għal membri oħra ta' din il-kollaborazzjoni. Ġie nnutat li dawn l-inizjattivi huma kompletament iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

**44/02/04** Il-membri ddiskutew ukoll l-avvenimenti li ġejjin organizzati mill-Kunsill, fosthom il-Lejla Folkloristika li ser issir fl-10 ta' Lulju u Jum il-Għargħur li ser jiġi organizzat fis-16 ta' Lulju.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**44/02/05** Ġie nnutat ukoll li aktar ’il quddiem ser jiġu organizzati attivitajiet relatati ma’ Halloween u l-Milied.

**44/02/06** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tivverifika jekk ir-rappreżentanti humiex disponibbli sabiex jattendu għal xi wieħed mill-avvenimenti tas-sajf,

**44/02/07** Wara l-wasla tas-Sindku, intlaħaq qbil li r-rappreżentanti jistgħu jgħażlu biex jattendu għal tlett ijiem relatati mal-Lejla Folkloristika jew inkella għal tlett ijiem relatati ma’ Jum il-Għargħur. Dan l-arranġament jikkumplimenta d-diskussjoni dwar iż-żjarat uffiċjali u r-rappreżentanza tal-Kunsill f'attivitajiet simili.

**44/02/08** Is-Sindku fakkret dwar l-agreement li kien ġie propost mill-avukat tal-Kunsill lill-avukat Dr Joe Giglio rigward ir-repayment tal-boxing event, fejn bħalissa l-Kunsill qed jistenna risposta.
Is-Sa Helen Gauci nnutat li l-avukati taż-żewġ partijiet bħalissa qed jitkellmu bejniethom dwar din il-materja. Is-Sa Mariah Meli temmet billi ċċarat li hija kienet qed tressaq l-aġġornamenti (updates) neċessarji waqt il-laqgħa rigward dawn il-punti.

**44/02/09** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li l-laqgħa tar-residenti ma setgħetx issir f'April minħabba l-bidla fl-amministrazzjoni, u għalhekk din issa se ssir fis-16 ta' April fid-9:00 a.m. Hija spjegat li s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet messaġġ fuq WhatsApp u email biex kull kunsillier u s-Sindku jibagħtu rapport ta’ ħidma tad-dekasteru tagħhom sa l-għada. Is-Sur Christopher Fenech u s-Sa Helen Gauci nnutaw li din il-proċedura qatt ma saret qabel, filwaqt li s-Sa Marilena Galea qalet li għalkemm xi drabi sar rapport ta’ ħidma, dan qatt ma ġie ppreżentat fil-laqgħa u ppubblikat. Is-Sa Meli ċċarat li l-liġi tistipula li dan għandu jsir u li dawn ir-rapporti issa qed jiġu mtellgħa online fuq il-website peress li qabel ma kien isir xejn minn dan. Hija temmet billi qalet li għalkemm kull membru huwa liberu li jagħżel jekk jagħmilx ir-rapport jew le, hija kienet qed tispjega x’inhi l-prassi.

**44/02/10** Is-Sa Mariah Meli spjegat li kien hemm kwistjoni rigward B. Grima, fejn dan ma aċċettax il-pjan ta’ ħlas (repayment plan) fuq sentejn li kien propost. Hija nnutat li wara konsultazzjoni mal-accountants, il-Kunsill ipprova joffri pjan fuq sena u nofs, iżda l-kreditur ma aċċettax dan peress li ilu jistenna l-ħlas mill-2023 u ddikjara li ma jistax jistenna aktar. Is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill analizza s-sitwazzjoni biex jiżgura li l-kont ma jiġix iffriżat u li tinżamm il-likwidità meħtieġa sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli jopera skont il-parir mogħti mill-accountants waqt il-kumitat finanzjarju.

**44/02/11** Is-Sa Mariah Meli tat aġġornament rigward il-każ ta’ Victor Bonavia, fejn spjegat li kien hemm servizz ta’ tbattil tal-ilma mix-xelter li kien sar qabel l-attività tal-Milied Maġiku organizzata mir-Reġjun. Hija saħqet li l-Kunsill kien ċar mill-bidu li l-ispejjeż kellhom jinġarru mir-Reġjun, madankollu l-invoice intbagħtet lill-Kunsill; għaldaqstant, Victor Bonavia ġie infurmat li l-invoice trid tintbagħat direttament lir-Reġjun u mhux lill-Kunsill Lokali.

**44/02/12** Is-Sa Francesca qalet li l-aħħar darba kienu telgħu għal laqgħa biex issir mera fit-triq ta’ Birguma għal Triq Għaxqet il-Għajn, fejn kif diġà ġie diskuss hemm dawra kera. Ġie nnutat li l-Kunsill għad irid jirċievi gwidi ċari aktar ’il quddiem dwar dan il-każ. Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, tat aġġornament dwar Triq Għaxqet il-Għajn, punt li kien tqajjem fil-laqgħa preċedenti. Hija infurmat li waslet email biex jiġi analizzat jekk hux vijabbli li t-triq tibqa’ kif inhi bħalissa, peress li l-erja inbidlet u bħalissa qed jiġu kkunsidrati diversi għażliet (options).

**44/02/13** Is-Sa Francesca żiedet tgħid li fl-aħħar laqgħa kienet ittellgħat il-proposta biex il-parti ta’ Triq Mons. Luigi Catania, in-naħa tal-Mużew tas-Subien, tiġi msemmija għal Guido Tanti. Kien hemm qbil fuq din il-proposta, iżda l-Kunsill ried jiċċekkja l-guidelines meħtieġa biex issir din il-bidla. Il-Kunsill bagħat email lill-Street Naming Committee, fejn dawn infurmaw li biex isir bdil

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

fl-isem ta' triq, trid issir talba uffiċjali mill-Kunsill Lokali permezz ta' applikazzjoni online (https://electoral.gov.mt/Media/Default/Documents/StreetNaming/Application.pdf), flimkien ma' pjan tas-sit immarkat u CV fejn ikun hemm bżonn. Minn hemm, il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq jiddiskuti t-talba u jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu. Ġie nnutat ukoll li bħalissa l-Kumitat mhux qed jiltaqa' peress li tħabbret l-Elezzjoni Ġenerali, u għaldaqstant dawn il-proposti jkunu jistgħu jerġgħu jibdew jinstemgħu wara li tgħaddi l-Elezzjoni. Ġie miftiehem li din il-kwistjoni se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**44/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**44/03/01** Is-Sa Mariah Meli infurmat li l-clerk il-ġdida fuq bażi part-time se tibda d-dmirijiet tagħha l-għada, it-Tlieta 12 ta' Mejju. Il-ħinijiet tax-xogħol se jkunu mifruxa fuq tlett ijiem: it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa. Ġie spjegat li l-iskeda se tikkonsisti f'jumejn mis-7:30 a.m. sas-2:30 p.m., u jum wieħed mis-7:30 a.m. sas-1:30 p.m. Barra minn hekk, jista' jkun hemm bżonn ta' xogħol is-Sibt skont il-ħtieġa; f'każ bħal dan, il-ħin jiġi kkumpensat matul il-ġimgħa b'avviż minn qabel.

**44/03/02** Is-Sa Mariah Meli spjegat li, peress li nstabu żewġ xelters, il-Kunsill qed jesplora l-possibbiltà li dawn jgħaddu taħt ir-responsabbiltà tiegħu permezz tal-proċess tad-devoluzzjoni. Hija infurmat li l-Kunsill talab għal-linji gwida uffiċjali u ddeskriviet il-passi meħtieġa li jridu jitlestew: (1) pjan ta' azzjoni dwar kif se jsir il-manutenzjoni, (2) dikjarazzjoni mill-accountants li tikkonferma li l-Kunsill għandu l-mezzi finanzjarji biex imantnihom, (3) ritratti tas-sit, (4) site plan, u (5) kopja tal-minuti ffirmati li jikkonfermaw li l-Kunsill kollu jaqbel ma' din it-talba. Is-Sa Mariah Meli spjegat li għalkemm il-proċess huwa magħruf, mhuwiex se jinbeda immedjatament. Hija ssuġġeriet li l-ewwel għandha tiġi analizzata l-ispiża involuta, u possibilment jittieħdu xi kwotazzjonijiet jekk il-membri kollha jaqblu, sabiex il-proġett jiġi kkunsidrat aktar tard matul is-sena.

**44/03/03** Is-Sa Mariah Meli ppreżentat l-appraisal report ta' Kevin Zammit, kif ipproponut mis-Segretarju Eżekuttiv (SE), fejn kull membru ngħata kopja tar-rapport. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm qbil dwaru, bis-Sa Helen Gauci tistaqsi fuq liema bażi ngħatat dik il-marka partikolari. Ġie spjegat li hija r-responsabbiltà tas-SE li tagħti l-marka, li mbagħad tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Ġie nnutat li anke f'Q5 ingħatat l-istess marka. Fuq dan il-punt, kien hemm tliet membri li qablu, membru li ma qabilx, u membru li astjena.

**44/03/04** Is-Sa Mariah Meli ippreżentat il-proġett "MWBA Outreach" mill-Malta Wheelchair Basketball Association (VO/1948), li għandu l-għan li jippromwovi l-inklużjoni u l-għarfien dwar id-diżabilità fl-isport permezz ta' Wheelchair Basketball Exhibition Event. Is-Sindku esprimiet li tara din l-inizjattiva bħala waħda pożittiva u ppproponiet li l-Kunsill jiltaqa' magħhom biex jiddiskuti l-loġistika u dati possibbli, speċjalment peress li d-deadline biex tingħata risposta hija l-14 ta' Ġunju. Il-membri qablu li għandha tiġi rranġata laqgħa online sabiex jiġu diskussi d-dettalji ta' din il-kollaborazzjoni.

**44/03/05** Is-sa Meli qalet li sar proponiment biex, malli jasal il-vann il-ġdid li qed jinġieb minn barra, jitwaħħal tracker miegħu. Is-Sindku staqsiet lill-membri jekk jaqblux ma' din il-proposta u kien hemm qbil ġenerali, bil-kundizzjoni li l-ispiża tkun tista' tiġi koperta mill-iskema stess. Għaldaqstant, il-Kunsill se jkun qed jistaqsi u jikkonferma jekk dan it-tracker jistax jiġi ffinanzjat b'dan il-mod.

**44/03/06** Saret proposta biex l-allowance tad-diesel għall-vann tiżdied minn €50 għal €100 fix-xahar. Din it-talba saret abbażi tal-fatt li s-servizz tal-vann issa qed jingħata kuljum minflok darbtejn fil-

ġimgħa kif kien isir qabel. Is-Sa Helen Gauci qablet li ladarba s-servizz żdied u qed jinħela aktar fjuwil, l-ammont għandu jiġi aġġustat.

**44/03/07** Is-Sa Mariah Meli infurmat li hemm kollaborazzjoni għaddejja bejn l-Aġenzija għall-Azzjoni dwar il-Klima u l-Kunsill Lokali għall-installazzjoni ta' żewġ "pillars" elettriċi ġodda f'dawn l-inħawi: fi Triq l-Oratorju u fl-erja tax-Xwieki. Rigward l-erja tax-Xwieki, hija tat aġġornament dwar l-iSports Park immaniġġjat minn Project Green, fejn spjegat li l-proġett qed jipprogressa tajjeb u l-kuntrattur diġà ġie maħtur; għaldaqstant, il-Kunsill qed jistenna li x-xogħlijiet jibdew fil-futur qrib.

**44/03/08** Is-Sa Mariah Meli infurmat li l-ftehim (agreement) għall-manutenzjoni elettrika tad-dawl tat-toroq (Electrical Maintenance of Street Lighting) ġie ffirmat mal-irħas offerent (cheapest bidder) li kien issottometta l-offerta tiegħu.

**44/03/09** Is-Sa Mariah Meli ipproponiet li l-kontijiet tal-Go, Epic u l-ARMS ikunu jistgħu jitħallsu minnufih mingħajr il-bżonn li jiddaħħlu fl-SOP li jmiss jew li wieħed jistenna l-Kumitat Finanzjarju. Din il-miżura ġiet issuġġerita sabiex il-Kunsill jevita spejjeż żejda u bla bżonn, bħal penali fuq pagamenti tard. Il-membri preżenti urew il-qbil tagħhom dwar din il-proċedura.

**44/03/10** Is-Sa Frangeska staqsiet lill-membri jekk jiftakrux fl-email li kienet bagħtet is-Sindku Mariah Meli rigward il-bylaw tal-klieb. Din il-bylaw bażikament tistabbilixxi li se ssir liġi fejn se tiġi infurzata mill-pulizija u uffiċjali pubbliċi biex tkun obbligatorja li dawk li joħorġu bil-klieb ikollhom magħhom flixkun bl-ilma (li ma jkunx fih detergents jew disinfectants) sabiex inaddfu wara l-annimali tagħhom. Ġie nnutat li, peress li ma kienx hemm tweġibiet għal din l-email, dan ifisser li kien hemm qbil unanimu dwarha mill-membri kollha tal-Kunsill.

**44/04** **Tweġibiet għall-Mistqosijiet tal-Kunsilliera**

**44/04/01** Is-Sa Francesca infurmat li dalgħodu hija bagħtet email lis-Segretarju Eżekuttiv rigward talba fi Triq il-Kbira. Waqt li kienet qed turi ritratt tas-sit, hija spjegat li qed issir talba biex f'dik iż-żona jsiru jew *double yellow lines* jew *no obstruction box*. Ir-raġuni għal din it-talba hija li l-vetturi qed jipparkjaw quddiem il-bieb u b'hekk qed jagħlqu l-aċċess għar-residenza. Kien hemm qbil unanimu fost il-membri li din it-talba tintbagħat lil Transport Malta (TM) sabiex tiġi evalwata.

**44/04/02** Is-Sa Francesca Attard irreferiet għal rapport dwar l-isqaq li jinsab ħdejn l-arblu tar-radju fi Triq Fidiel Żarb, liema sqaq jagħti għall-għelieqi. Ġie rrappurtat li l-ħitan tas-sejjieħ f'dan l-isqaq jinsabu f'kundizzjoni perikoluża u hemm bżonn urġenti ta' manutenzjoni.
Il-Kunsilliera s-Sa Helen Gauci staqsiet jekk il-ħajt huwiex proprjetà pubblika jew jekk jappartjenix lis-sidien tal-għelieqi privati. Is-Sa Francesca pproponiet li l-Kunsill jivverifika mad-Dipartiment tal-Artijiet (*Lands Department*) biex dan jiġi kkonfermat uffiċjalment. Ġie miftiehem li, fil-każ li jiġi kkonfermat li l-ħajt huwa pubbliku, il-każ jiġi riferut minnufih lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (*Public Works*) sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

**44/04/03** Il-Kunsilliera s-Sa Helen Gauci staqsiet jekk id-driver li qed jaħdem mal-Kunsill għandux il-liċenzja u t-*tag* neċessarja biex isuq lin-nies. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-impjegat ġie ingaġġat għal xogħol ta' driver, iżda infurmat li se tiċċekkja u tivverifika dawn id-dettalji u tikkonferma lura lill-Kunsill.

**44/04/04** Il-Kunsilliera s-Sa Helen Gauci staqsiet għalfejn id-driver qed jibda x-xogħol tard nhar ta' Erbgħa, speċifikament fil-11:00 a.m.. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan il-ħin kien qed jinżamm sabiex qabel isir xi qadi tal-Kunsill. Is-Sa Helen Gauci rrimarkat li m'hemmx bżonn li dejjem isir

il-qadi nhar ta' Erbgħa u li m'hemmx għalfejn jinżammu tliet sigħat għal dan il-għan, speċjalment meta r-residenti mhumiex jinqdew u l-qadi jista' jsir f'ħinijiet oħra.

**44/04/05** Is-Sa Francesca żiedet tgħid li kien ġie bblokkat ħin filgħodu apposta għall-qadi tal-Kunsill, bis-Segretarju Eżekuttiv tispjega li dawn il-ħinijiet ġew allokati b'dak il-mod. Madankollu, is-Sa Helen Gauci rrimarkat li l-Kunsill ma kienx informat b'dawn l-allokazzjonijiet ta' ħinijiet speċifiċi.

**44/04/06** Is-Sa Francesca pproponiet li l-Kunsill għandu jiċċekkja kemm qed ikun hemm talbiet għas-servizz tad-driver nhar ta' Erbgħa, sabiex jekk ikun hemm bżonn, il-ħinijiet jerġgħu jiġu rriveduti. Is-Sur Christopher Fenech żied jgħid li l-qadi tal-Kunsill jista' jsir wara li jinqdew ir-residenti kollha li jkunu talbu s-servizz.

**44/04/07** Wara l-wasla tas-Sindku, Mariah Meli, intlaħaq qbil li l-ħinijiet tad-driver għandhom jibdew isiru kuljum l-istess u li l-qadi tal-Kunsill għandu jsir bejn il-vjaġġi tan-nies. Ġie deċiż ukoll li jsir avviż fuq Facebook dwar dawn il-ħinijiet il-ġodda.

**44/04/08** Is-Sur Christopher Fenech ġibed l-attenzjoni għall-manutenzjoni tal-bozoz u esprima t-tħassib tiegħu dwar kif qed jiġi mmaniġġjat il-kuntratt preżenti. Huwa qal li l-kuntrattur għandu għaxat (10) ijiem biex jiċċekkja rapport ta' bozza maqtugħa, iżda qed jiġri li wara dan il-perjodu, il-kuntrattur qed jirrapporta li l-ħsara hija tal-Enemalta u mhux responsabbiltà tiegħu. Is-Sur Fenech saħaq li skont it-termini tal-kuntratt, il-kuntrattur jista' jingħata sa tliet (3) twissijiet (warnings) qabel ma jibdew jinqatgħu l-flus, u li l-prijorità għandha tkun li r-residenti jinqdew, speċjalment f'każijiet bħal dawk fi Sqaq il-Mitħna u fejn il-ġibjun, li ilhom maqtugħin żmien twil.

**44/04/09** Is-Sa Helen Gauci kkonfermat li hija rrapportat żewġ fanali maqtugħa fl-istess triq. Matul id-diskussjoni, is-Sur Fenech irrefera għal informazzjoni li kienet tat is-Segretarju Eżekuttiv fejn kien intqal li l-kuntrattur mar fuq il-post u għamel "service", iżda rriżulta li l-problema kienet fil-wires tal-Enemalta. Huwa kkontesta x'tip ta' service seta' sar fuq bozza li hija ġdida u jekk dan il-kliem hux qed jintuża mill-kuntrattur biex jiġġustifika l-ħlas. Is-Sa Helen Gauci żiedet li jekk il-bozza baqgħet ma tixgħelx, ma jidhirx li sar servizz effettiv.

**44/04/10** Is-Sa Francesca Attard ipproponiet li l-Kunsill għandu jiċċekkja t-termini u l-klawżoli tal-kuntratt biex dawn jiġu nfurzati kif suppost. Hija ssuġġeriet ukoll li l-Kunsill jivverifika jekk jistax jiddistingwi bejn il-bozoz tal-Kunsill u dawk tal-Enemalta permezz tal-kodiċijiet (codes) li hemm fuq il-mappa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se terġa' tiċċekkja l-każ u s-Sa Francesca żiedet li jekk jintbagħat invoice għal "service", il-Kunsill għandu jitlob deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol li sar.

**44/05 Ilmenti**

**44/05/01** Is-Sa Francesca Attard kompliet il-laqgħa billi daret fuq il-qasam tal-ilmenti fejn infurmat li kien hemm talba għal *blue bay* fi Triq l-Isqof S. Gaffiero; dwar dan il-punt il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm ritratt disponibbli, bi SE tispjega li peress li fil-preżent m'hemmx ritratt, ġie miftiehem li l-Kunsill jikkuntattja lir-resident biex jipprovdi wieħed sabiex it-talba tkun tista' tiġi diskussa mill-ġdid fil-laqgħa li jmiss.

**44/05/02** Is-Sa Francesca Attard infurmat li kien hemm talba għal *communal bay* oħra fi Triq l-Indipendenza fejn intwera wkoll ritratt tal-post; is-Sa Helen Gauci staqsiet min kien ressaq din it-talba, bil-Viċi Sindku twieġeb li m'hemm l-ebda isem indikat u m'għandux jagħmel differenza min għamel ir-rikjesta. Is-Sa Attard kompliet tispjega li sa fejn taf hi m'hemm l-ebda *communal bay* f'dik it-triq u, peress li hija triq twila, jidher li l-post indikat fit-talba huwa viċin ir-ristorant.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti sabiex din it-talba tintbagħat lil Transport Malta (TM) peress li m'hemm l-ebda *bay* eżistenti f'dik iż-żona.

**44/05/03** Is-Sa Francesca Attard infurmat li kien hemm talba għal linji sofor (*double yellow lines*) quddiem in-numru 17 fi Triq San Nikola, fejn irrimarkat li jekk m'hijiex żbaljata dan il-post jinsab ħdejn xi garaxxijiet. Is-Sa Helen Gauci spjegat li jekk dawn il-linji ser isiru quddiem garaxx, it-talba trid issir mis-sid stess, filwaqt li fakkret li s-sid xorta waħda ma jkunx jista' jipparkja hemmhekk għax jeħel ċitazzjoni. Is-Sa Attard wieġbet li ladarba saret it-talba, probabbilment l-applikant huwa konxju mill-proċedura. Is-Sa Gauci żiedet tgħid li dawn it-talbiet huma regolati mil-liġi u l-Kunsill ma jistax jiċħadhom, madankollu l-Viċi Sindku sostniet li r-rikjesta xorta waħda trid tgħaddi għand Transport Malta (TM). Għaldaqstant, kien hemm qbil sabiex jiġi vverifikat il-post eżatt u t-talba tiġi pproċessata mal-awtorità kkonċernata.

**44/05/04** Is-Sa Francesca Attard għamlet referenza għal komunikazzjoni li rċieva l-Kunsill dwar talba għal *sleeping police* fi Triq Caravaggio, fejn ġiet ippreżentata wkoll stampa tal-post lill-Kunsilliera preżenti. Wara li ġie diskuss il-każ, kien hemm qbil sabiex tintbagħat ittra lir-residenti kkonċernati biex jinkiseb il-kunsens tagħhom u, f'każ li din it-talba tiġi aċċettata minnhom, il-proċess ikompli jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**44/05/05** Is-Sa Francesca Attard ippreżentat talba għal linji sofor (*double yellow lines*) b'tul ta' metru fuq kull naħa tal-garaxx numru 25 fi Triq Dun Karm Fenech, peress li s-sidien qed ikollhom diffikultà biex jidħlu u joħorġu mill-garaxx; dwar dan il-punt is-Sa Helen Gauci u s-Sur Christopher Fenech irrimarkaw li din hija xi ħaġa li tagħtihom il-liġi u m'hemmx bżonn li t-talba titla' quddiem il-Kunsill. Għaldaqstant, sar qbil sabiex din it-talba tintbagħat direttament lil Transport Malta (TM).

**44/05/06** Is-Sa Mariah Meli kompliet fuq l-istess ilment fl-istess triq dwar diffikultajiet fil-manuvrar ta' vetturi li jkunu ġejjin minn Triq Mattia Preti biex iduru għal Triq Dun Karm Fenech minħabba parkeġġ mhux xieraq li qed joħloq ostaklu; għaldaqstant hija ssuġġeriet li jsiru linji sofor (*double yellow lines*) bħala miżura ta' sigurtà. Is-Sa Helen Gauci u s-Sa Marilena Galea urew ir-riżerva tagħhom peress li ma jaqblux li jitnaqqas il-parkeġġ fil-lokalità, bis-Sa Galea żżid tgħid li hemm aċċess minn żewġ toroq oħra. Is-Sindku u l-Viċi Sindku sostnew li f'dak il-post mhuwiex suppost li jsir parkeġġ u li bħalissa lanqas vetturi ta' emerġenza bħal ambulanzi ma jistgħu jgħaddu b'mod sigur. Is-Sur Christopher Fenech innota li m'hemmx tabelli ta' *no parking* u li hawn bosta postijiet oħra fil-lokalità bi problemi simili, bis-Sa Attard twieġeb li dawk il-każijiet jistgħu jittilgħu għad-diskussjoni f'laqgħat oħra. Peress li ma kienx hemm kunsens, is-Sindku ressqet il-proposta għall-votazzjoni: is-Sa Meli u s-Sa Attard ivvutaw favur il-linji sofor għal raġunijiet ta' sigurtà, filwaqt li s-Sa Gauci, s-Sa Galea u s-Sur Fenech ivvutaw kontra. Għaldaqstant, il-proposta ma ġietx approvata.

**44/05/07** Is-Sa Francesca Attard ippreżentat talba sabiex issir mera fi Triq Fidel Zarb peress li r-resident qed ikollu diffikultà biex jara l-vetturi li jkunu ġejjin meta jkun qed jidħol jew joħroġ mill-garaxx tiegħu; dwar dan il-punt kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li din il-mera għandha ssir u tiġi ffinanzjata mis-sid tal-garaxx stess peress li hija għall-użu privat tiegħu.

**44/05/08** Is-Sa Francesca Attard infurmat li kien hemm talba rigward Triq Fidel Zarb sabiex il-*flood lights* eżistenti jinbidlu f'fanali; is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk dawn kinux privati peress li l-Kunsill qatt ma installa *flood lights*. Il-Viċi Sindku wieġbet li peress li qegħdin fi triq, mhux probabbli li huma privati. Mal-wasla tagħha, is-Sindku rrimarkat li dawn fil-fatt mhumiex *flood lights* iżda street lights li saru mil-kunsill., u nfurmat li kienet diġà saret *call for quotes* sabiex dawn jinbidlu f'fanali antiki. Is-Sa Helen Gauci nnutat li l-fanal il-ġdid issa se jkun qed jagħti dawl differenti , filwaqt li s-Sur Christopher Fenech saħaq li wieħed irid joqgħod attent f'dan ir-rigward. Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, temmet billi qalet li l-fanal jikkumplimenta l-area u jagħmel l-ambjent isbaħ.

Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir, dment li r-resident li mal-faċċata tiegħu se jitwaħħal il-fanal jagħti l-aċċettazzjoni tiegħu.

**44/05/09** Is-Sa Francesca Attard infurmat li kien hemm ilmenti rigward il-venda tal-karozzi tal-linja fi Triq Stiefnu Zerafa, fejn tal-linja qed tieqaf fuq il-waqfa u tintuża bħala venda. Spjegat li f'laqgħa ma' Transport Malta (TM), ġie ddikjarat li dan kien arranġament li sar mal-Kunsill fil-passat meta l-venda tneħħiet mill-Pjazza. Is-Sa Helen Gauci u s-Sa Marilena Galea ma qablux li kien hemm dan il-ftehim. Is-SE, li kienet preżenti għal-laqgħa ma' TM, spjegat li meta ġiet studjata l-mappa, ma nstabitx alternattiva u li jekk tinbidel il-waqfa, inkunu qed nittrasferixxu l-problema f'post ieħor b'telf ta' parkeġġ. Is-Sindku żiedet tgħid li hemm kuntratt mal-Gvern Ċentrali sa madwar l-2029 u l-intenzjoni hi li jiddaħħlu aktar *feeders* fil-lokalitajiet. Is-Sa Gauci rrimarkat li din il-venda qed toħloq konġestjoni u periklu mid-duħħan għar-residenti, u staqsiet jekk hux il-każ li nistennew tliet snin oħra. Is-Sur Christopher Fenech ippropona li minflok tieqaf f'din it-triq, il-venda ssir in-Naxxar fejn tal-Gass, 'il fuq mill-waqfa tal-linja. Is-Sa Meli rrimarkat li b'hekk ma jkunx hemm venda f'Ħal Għargħur. Il-membri qablu li din il-proposta tintbagħat lil TM għall-konsiderazzjoni tagħhom.

**44/05/10** Is-Sa Francesca Attard infurmat li fl-istess laqgħa ma' Transport Malta (TM) ġew diskussi lmenti dwar il-ħinijiet tal-karozzi tal-linja li qed jaslu flimkien; is-SE spjegat li skont TM dan qed iseħħ minħabba '*bus bunching*', fejn l-ewwel karozza ssib konġestjoni u ħafna nies fuq il-waqfiet u b'hekk il-karozza ta' wara tispiċċa tilħaqha sa ma jaslu Ħal Għargħur. Is-Sa Helen Gauci esprimiet dubji dwar din l-ispjegazzjoni, filwaqt li s-Sindku kkonfermat li rat dan iseħħ personalment. Is-SE rrimarkat li jekk il-karozza tal-linja tgħaddi darba f'siegħa biss, ir-residenti jkollhom jistennew wisq. Is-Sa Gauci żiedet li kienu qalulha li l-karozzi l-kbar qed jintużaw għax mhuwiex vijabbli għall-kumpanija li tuża karozzi żgħar, u mhux minħabba l-kuntratt kif indikat mis-Sindku. Is-Sa Marilena Galea saħqet li ma tistax taqbel li l-lokalità ma jkollhiex il-karozza tal-linja tagħha u lanqas ma taqbel mas-suġġeriment tas-Sa Attard għal *shuttle service* b'karozzi żgħar. Is-Sindku wieġbet li l-użu ta' karozzi kbar fir-raħal mhuwiex vijabbli u hemm bżonn ta' konsultazzjoni dwar kuntratt ġdid, filwaqt li pproponiet li sadattant jintbagħtu suġġerimenti lil TM. Is-Sur Christopher Fenech innota li l-Kunsill jidher li wahel fuq dan is-suġġett mingħajr soluzzjoni ċara, filwaqt li s-Sa Galea ssuġġeriet li l-waqfa ssir ħdejn ir-roundabout qabel Triq Stiefnu Zerafa, għalkemm is-Sindku nnutat li anke f'dak il-każ xorta jibqa' l-periklu u d-diffikultà biex il-karozza ddur.

**44/05/11** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li kien hemm resident fi Triq Fidel Zarb li talab biex titwaħħal mirja, fejn ġie deċiż li din tista' ssir skont il-prassi tas-soltu bil-kundizzjoni li titwaħħal mir-resident stess. Matul id-diskussjoni, is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk il-mirja kinitx waħda privata, u s-Sa Meli kkonfermat li dan huwa l-każ.

**44/05/12** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li fi Triq il-Kbira, ftit aktar 'l isfel minn fejn instab ix-xelter, kien hemm dar antika u li din il-proprjetà issa ġiet irranġata u hemm MC bay, fejn is-sid talab biex titneħħa minn quddiemu minhabba id-duħħan mal-faċċata. Is-Sa Helen Gauci nnutat li din il-parti kienet diġà ġiet approvata minn Transport Malta (TM). Sar qbil sabiex tintbagħat talba lil Transport Malta (TM) biex issir tabella li tindika li l-vetturi għandhom jipparkjaw bl-exhaust pipe in-naħa ta' barra u mhux mal-faċċata, bl-għan li jiġi evitat id-duħħan mal-ħajt.

**44/06** **Ordnijiet ta' Xogħol**

**Skemi Godda:**

**44/06/01** Is-Sa Mariah Meli fakkret lill-membri dwar l-iskemi li kienu ddiskutew preċedentement u infurmat li se jinbdew laqgħat online għal dawk kollha interessati f'dak li se jitwettaq. Hija

spjegat li kien ġie deċiż li ssir skema waħda għat-Torri u oħra għal-manutenzjoni tal-Kunsill, u semmiet dan bħala tfakkira tal-pjan li kien ġie maqbul.

**44/07** **Kuntratti, Tender u MOUs**

**44/07/01** Is-sa Francesca Attard sejħet lis-Sur Duncan sabiex jagħti aġġornament dwar tliet tenders pendenti: dik tal-Bulky Refuse, dik ta' Għaxqet il-Għajn, u dik tal-Contracts Manager għall-Kunsill.

**44/07/02** Dwar it-tender tal-Fully EV Van, is-Sur Duncan informa li l-proċess ingħalaq bil-firma tal-kuntratt u bħalissa l-Kunsill qed jistenna li l-vettura tiġi kkonsenjata (delivered).

**44/07/03** Rigward it-tender ta' Għaxqet il-Għajn, l-evalwazzjoni hija lesta, iżda s-Sur Duncan spjega li nqalgħet kwistjoni teknika dwar id-dokumentazzjoni li trid tintbagħat lil Transport Malta (TM). Peress li l-kumpanija li rebħet it-tender hija barranija, hija teħtieġ permess RWP1 mingħand it-TM biex tkun tista' tagħmel xogħol ċivili f'Malta. Għalkemm il-kumpanija għandha esperjenza f'Malta, it-TM sabet xi diffikultajiet minħabba n-natura barranija tal-kumpanija. Huwa mistenni li d-dokumenti jiġu sottomessi din il-ġimgħa u l-permess joħroġ f'madwar 10 ijiem. It-target huwa li x-xogħol jibda sal-aħħar ta' Mejju, sakemm ma jkunx hemm aktar dewmien lil hinn mill-kontroll tal-Kunsill.

**44/07/04** Dwar it-tender tal-Contracts Manager, is-Sur Duncan informa li l-bord rċieva erba' (4) offerti, li kollha nstabu li huma konformi (compliant) u validi. Għalkemm il-budget tal-Kunsill kien ta' €7,000, l-orħos offerta saret minn Synthesis Management Services Ltd għall-ammont ta' €10,140 fis-sena. Ġie nnutat li d-differenza ta' madwar €3,000 mhijiex meqjusa bħala piż eċċessiv. Il-bord irrakkomanda li t-tender jingħata lill-orħos offerta. Is-Sur Duncan u s-Sa Francesca nnutaw li l-kumpaniji bl-orħos offerti diġà jamministraw il-maġġoranza tal-kuntratti f'diversi Kunsilli oħra f'Malta u għalhekk jafu x-xogħol sew. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li t-tender tal-Contracts Manager jingħata lil Synthesis Management Services Ltd.

**44/07/05** Is-Sur Duncan ta aġġornament dwar l-aħħar tender, dak tal-Bulky Refuse. Huwa informa lis-Segretarju Eżekuttiv u lis-Sindku dwar sentenza reċenti tal-PCRB (Public Contracts Review Board) rigward tender tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar li tista' taffettwa l-proċess. Is-Sa Helen Gauci staqsiet dwar l-implikazzjonijiet ta' din is-sentenza. Is-Sur Duncan spjega li l-kwistjoni qamet minħabba l-linji gwida tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DGL) li jobbligaw li t-tender joħroġ b'*outsourcing licence*. Huwa nnota li hemm kuntratturi li qed jirreżistu din il-bidla peress li l-proċess biex iġġib din il-liċenzja jieħu madwar erba' xhur u jinvolvi spiża ta' €20,000.

**44/07/06** Wara diskussjoni, intlaħaq qbil li l-Kunsill jitlob dikjarazzjoni mingħand il-bidders kollha. Din id-dikjarazzjoni trid tistipula li l-liċenzja neċessarja tiġi ppreżentata qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, b'mod partikolari mill-orħos bidder, u li l-kuntratt għandu jiġi ffirmat fi żmien massimu ta' 15-il ġurnata.

**44/07/07** Is-Sur Duncan se jibgħat draft ta' din id-dikjarazzjoni lill-membri u, jekk ikun hemm qbil, din tiġi mtellgħa fis-sistema (e-tenders). Il-bidder ikollu ħamest (5) ijiem ċans biex jirrispondi. Ġie deċiż li jekk il-bidder ma jirrispondix fi żmien 5 ijiem, jew jekk jonqos milli jikkonferma li se jipprovdi l-liċenzja qabel il-firma, l-offerta (bid) tiegħu taqa' u l-Kunsill jimxi mal-proċess.

**44/08** **Attivitajiet**

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**44/08/01** Is-Sa Mariah Meli semmiet l-attività li se ssir fl-20 ta' Mejju, li hija ħarġa għal ġewwa Dar Bjorn wara stedina li rċieva l-Kunsill; kien hemm qbil dwar din il-ħarġa u se jiġi pprovdut trasport li jitlaq mill-pjazza.

**44/08/02** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, ippreżentat ir-rendikont tal-attività tat-tberik tal-annimali, fejn kull membru preżenti ngħata kopja tiegħu. Hija nnutat li din l-attività kienet suċċess kbir. Is-Sa Helen Gauci talbet kjarifika dwar il-finanzjament tal-attività tat-tberik tal-annimali u staqsiet jekk id-differenza fl-ispejjeż ħarġetx mill-fondi tal-Kunsill.

**44/08/03** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, spjegat li issa hemm rekwiżiti legali ġodda għal risk assessment u insurance li qabel ma kinux jintalbu, u dan wassal biex l-ispiża tiżdied. Hija nnutat ukoll li l-prezz tal-iscouts għola peress li ma kinux disponibbli bħas-soltu.

**44/08/04** Is-Sa Helen Gauci rrimarkat li qabel dawn kienu jiġu bbukkjati ħafna qabel. Is-Sa Meli wieġbet l-attività kellha titla' il-laqgħa tal-kunsill, aparti li kien hemm pressjoni kbira ta' xogħol minħabba tenders, bidliet fl-amministrazzjoni u proġetti varji, u saħqet li wieħed irid jifhem li l-amministrazzjoni għandha riżorsi limitati.

**44/08/05** Is-Sa Mariah Meli informat lill-Kunsill li ngabru donazzjonijiet għal Noah's Ark. Hija spjegat li dan il-ġbir sar permezz ta' *bake sale* li ġie organizzat mit-tfal.

**44/09** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' Xogħol**

**44/09/01** Is-Sa Mariah Meli infurmat li l-Kunsill mexa bl-oġġezzjonijiet rigward l-iżvilupp f'żoni ODZ u li hemm skedata laqgħa mal-perit u mal-avukat biex jiġi diskuss il-proċess tal-appell. Hija nnutat li nħarġet oġġezzjoni oħra dwar Triq il-Balal li reġgħet tfaċċat, filwaqt li kkonfermat mistoqsija tas-Sa Helen Gauci li ddaħħlet oġġezzjoni wkoll għal Triq Santa Marija. Is-Sindku spjegat li fuq l-appell l-ewwel iridu jitkellmu l-perit u l-avukat bħala l-parti teknika u legali, u wara trid tissejjaħ laqgħa biex tgħaddi mozzjoni li m'għandhiex tiġi rrekordjata (sound recorded) minħabba n-natura kunfidenzjali tad-diskussjonijiet.

**43/10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**43/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-19:30hrs wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti.

**43/10/02** Ġie maqbul li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ser issir nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2026, fil-5:30 p.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Shirley Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**